

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14752/23

LIMITE

COEST 580
POLCOM 257

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu - Adozzjoni

1. Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu (dok. ST 12111/23 COEST 465 POLCOM 171 + ADD 1-4).
2. Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali kkunsidra l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, segwita minn diskussjoni fil-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fl-4 ta' Ottubru 2023. Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali laħaq qbil dwar il-proposta.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 14010/23 + ADD 1-4;
- jaqbel li jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif tinsab fid-dokument ST 14010/23 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 17(1)(a) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill;
- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut magħhom, kif jinsabu fid-dokumenti ST 14010/23 ADD 1, ST 14010/23 ADD 2, ST 14010/23 ADD 3, u ST 14010/23 ADD 4, ladarba jiġu adottati;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament.